

# Santa Katarina V.M. fl-Arti ta' Mattia Preti

*Is-Sur Angelo Schembri*

Sa minn żminijiet bikrin, il-ħajja tal-Qaddisa Patruna tagħna ż-Żwieten Santa Katarina V.M. ta' Lixandra, saħħret u ispirat lil diversi artisti, b' mod partikolari l-pitturi. Episodji minn ħajjitha bħall-Għerusija Mistika, id-Disputa mal-Filosfi, l-Martirju tar-Rota, l-Qtugħ ir-Ras u t-Trasport fuq il-Muntanja Sinaj, spiċċaw ingħataw il-ħajja bil-kuluri fuq it-tila fil-bottegi ta' pitturi rinomati madwar id-dinja kollha. Fost dawn nistgħu insemmu lil Caravaggio, Donatello, Tintoretto, Tiziano u Rubens. F' Malta ngawdu pitturi lokali ta' Francesco Zahra, Ġannikol Buhagiar, Giuseppe Cali` u Lazzru Pisani. Ma' dawn adottajna pittur prestiġjuż, li għalkemm twieled u għex l-Italja, qatta' diversi snin f' pajjiżna u ħallielna wirt imprezzabli, li jpoġġina fuq il-mappa artistika mondjali. Dan il-pittur m' hu ħadd ħlief Mattia Preti *il Cavaliere Calabrese*.

Preti twieled fil-belt ċkejkna ta' Taverna fir-reġjun tal-Calabria, nhar l-24 ta' Frar 1613 u jingħad li l-ewwel taħriġ fl-arti ħadu mal-pittur Giovanni Battista Caracciolo li kien iħaddan l-istil Caravaggist. Dan jista' jispjega l-ispirazzjoni ta' Preti minn Caravaggio u l-istil kjaro-skur tiegħu. Qabel l-1630, Preti mar Ruma fejn ingħaqad ma' ħuh Gregorio li wkoll kien pittur. Hemmhekk trawwem fit-teknika ta' Caravaggio u studja x-xogħol tal-pitturi Guercino, Peter Paul Rubens, Guido Reni u Giovanni Lanfranco. Preti beda l-karriera artistika tiegħu f' Ruma billi pitter diversi affreski fil-knejjes ta' San Andrea della Valle u San Carlo ai Catinari. Minn Ruma għadda biex jgħix f' Venezja u anke Napli fejn ġie nfluwenzat mill-pittur Naplitan Luca Giordano. Ħalla opri mill-isbaħ ta' pittura, skultura u nduratura fil-Knisja ta' San Pietro a Majella. Preti żar Malta fl-1659 wara li kien inħatar Cavaliere di Grazia tal-Ordni ta' San Gwann u bin-numru kbir ta' kummissjonijiet li bdew jaslulu, spiċċa qatta' l-parti l-kbira tal-bqija ta' ħajtu f' pajjiżna. L-akbar proġett li ħadem fuqu Mattia Preti huwa bla dubju s-saqaf tal-Konkatridral ta' San Ġwann, mibni fuq pjanta tal-perit Malti Ġlormu Cassar. Meta wasal Malta Preti, dil-Knisja prinċipali tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet għadha għerja għal kollox, bl-arkati tas-saqaf għamla ta' bettija neqsin minn kull dekorazzjoni. Hawnhekk il-Granmastru Martin DeRedin ikkummissjonalu biex ipitter il-ħajja tal-Patrun tal-Ordni San Ġwann Battista. Minbarra l-volta tas-saqaf, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Preti pitter l-apside li turi r-rebħa ta' Malta fl-assedju l-Kbir, uħud mill-pitturi tal-artali u l-lunetti u anke s-saqaf tal-oratorju ta' San Ġwann. Fil-Belt Valletta Preti ħalla bosta xogħlijiet tiegħu fil-knejjes numerużi tagħha, iżda xogħlijietu ħarġu wkoll barra mis-swar u nistgħu insemmu fost l-oħrajn il-kwadri titulari ta' San Lawrenz fil-Birgu, Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, San Pawl fil-Katidral tal-Imdina, San Ġorġ Martri fir-Rabat Għawdex u f' Ħal Qormi, it-Twelid tal-Madonna fin-Naxxar, San Nikola fis-Siġġiewi u Sant' Andrija f' Ħal Luqa. Ma' dawn il-kwadri titulari, wieħed isib bosta oħrajn fuq l-artali tal-korsija bħalma hemm fil-Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat, iż-Żurrieq, Ħal Luqa, fil-knejjes ta' Santu Wistin u tal-Karmnu l-Belt Valletta, f' Santa Skolastika l-Birgu u f' Santa Tereża Bormla. Preti ħalla wkoll l-arti tiegħu fil-bereġ u l-palazzi tal-Kavallieri bħall-Palazz Verdala u dak li llum hu l-Palazz tal-President il-Belt. L-istoriku tal-arti Antonio Sergi jsostni li Preti f' Malta pitter madwar 400 pittura! Dan kien dovut għax għex ħajja twila u b' hekk kellu żmien biex jipproduċi dan l-għadd kbir ta' xogħlijiet li jinsabu mhux biss fil-knejjes u l-kappelli, iżda f' mużewijiet ewlenin mad-dinja kollha u f' bosta kollezzjonijiet privati anke Maltin. Mattia Preti miet fit-3 ta' Jannar 1699 fl-għomor ta' 85 sena u jinsab midfun kif xieraq fil-Konkatidral ta' San Ġwann, li jibqa' l-aqwa monument tal-kapaċita` artistika tiegħu.

Kif ktibt fil-bidu, Mattia Preti wkoll ġie ispirat mhux ftit mill-ħajja sabiħa ta' Santa Katarina V.M. u hawn Malta kompla sab art fertili biex joħloq iżjed kapulavuri sforz id-devozzjoni li kien hawn lejn il-Qaddisa. Iżda l-ewwel xogħol magħruf tiegħu b' tema Katarinjana jinsab Napli fil-Knisja ta' San Pietro a Majella. Nistgħu ngħidu li f' din il-knisja hemm kollezzjoni sħiħa ta' pitturi mill-ħajja ta' Santa Ka-

*ikompli....*



tarina V.M. mit-tila ta' Mattia Preti. Għas-saqaf ta' din il-knisja huwa fil-fatt pitter tliet xeni kbar: id-Disputa mal-Filosfi, il-Martirju u t-Trasport fuq is-Sinaj, flimkien ma' żewġ xeni iżgħar: l-Għerusija Mistika u Santa Katarina l-ħabs ta' Massiminu. Huma tassew opri li jsaħħruk! Dawn saru qabel ma Preti ġie Malta. Fost l-ewwel pitturi ta' Santa Katarina V.M li Preti pitter hawn Malta nsibu l-kwadru titulari tal-Knisja ta' Santa Caterina d' Italia għall-Kavallieri Taljani. Dan jidher li sar fl-1659, iġifieri mal-wasla ta' pittur f' Malta. Il-kwadru juri l-qtugħ ir-ras tal-qaddisa mill-bojja, elevata fuq patibolu mtarraġ bil-kundanna msammra miegħu. Din il-pittura aktarx saret ikonika għal żminijietha u b' mod partikolari għaż-Żwieten, għaliex meta fl-1729 ikkummissjonaw kwadru titulari ġdid lill-pittur Giovanni Antonio Mamo, jidher li kienet ir-rieda tagħhom li ssir kopja tal-pittura ta' Preti li semmejna. Fl-istess knisja ta' Santa Caterina d' Italia, Preti pitter il-flieli tal-koppla b' xeni mill-ħajja tal-Qaddisa. Kwadru ieħor mill-isbaħ juri wkoll il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina V.M. għarkopptejha b' sidirha għeri u bil-bojja maġenbha mimli moviment fl-att tal-esekuzzjoni. Din il-pittura li qabel kienet fil-Palazz tal-Granmastru u llum tinsab fil-Mużew tal-Arti, ukoll kienet waħda mill-ewwel xogħlijiet ta' Mattia Preti mal-wasla tiegħu f' pajjiżna. Interessanti l-fatt li l-figura ta' Santa Katarina V.M. għandha diversi passati ta' żebgħa msejħin 'pentimenti', fi kliem ieħor meta l-pittur idurlu ħsiebu oriġinali. Minn studju li kien ippublikat dal-aħħar irriżulta li l-figura oriġinali li kien hemm qabel ma Preti ffinalizza bil-qaddisa, aktarx kienet San Pawl, iġifieri l-kwadru proprjament kien juri l-Qtugħ ir-Ras ta' San Pawl.

Kwadru mportanti ieħor ta' Mattia Preti fil-Konkatidral ta' San Ġwann huwa mingħajr ebda dubju dak tal-Għerusija Mistika ta' Santa Katarina V.M. li huwa pitter b' kummissjoni mill-kavallieri Taljani għall-kappella tagħhom fil-Konkatidral. F' din il-pittura mill-isbaħ, il-protagonisti tal-ġrajja jinsabu mdawrin b' għadd numeruż ta' anġli u puttini li jimlew u jkomplu jagħtu l-ħajja l-kompożizzjoni kompluta. Dal-kwadru tpitter fl-ewwel għaxar snin ta' Preti f' Malta u flimkien ma' dak ta' Santa Caterina d' Italia jixhed id-devozzjoni kbira li l-Kavallieri Taljani kellhom lejn il-Qaddisa Lixandrina. Xejn anqas fl-importanza u l-ġmiel huwa l-kwadru titulari tal-Parroċċa taż-Żurrieq li Preti pitter bejn l-1667 u l-1671. Hawn naraw xena oħra differenti mill-ħajja tal-Qaddisa milli kien diġa' pitter Mattia Preti. L-intervent divin fil-Martirju tar-Rota huwa espress b' mod mill-iżjed drammatiku, teatrali u ħaj bil-qaddisa għarkopptejha b' wiċċha mixgħul b' dija smewwija, filwaqt li madwarha l-angli jkissru r-rota bix-xfafar maħsuba biex ittemmilha ħajjitha b' mod atroċi. Il-parti t' isfel tal-kwadru hija mimlija b' għadd ta' iġsma mejta ta' suldati li ntlaqtu bix-xfafar tar-rota. Dan il-kwadru tħallas mill-Kappillan Dun Matthiolo Saliba u b' tifkira ta' kunjomu, għandu għamla moderata li ma tantx tiġi nnutata, ta' salib.

Suġġett ieħor mill-ħajja tal-Qaddisa Katarina li pitter Preti matul ħajtu huwa meta l-Imperatrici Fawstina żaret lil Santa Katarina V. M. l-ħabs. Din il-pittura hija pjuttost xogħol bikri li saret lejn is-sena 1640 u llum tinsab f' The Dayton Art Institute f' Ohio l-Amerika. Fid-dalma tal-ħabs sotterran, l-Imperatriċi Fawstina tfarraġ lill-Qaddisa, mdawra b' nisa oħrajn u suldati. Ma' dawn il-pitturi li semmejt, wieħed irid iżid numru ta' kummissjonijiet privati, abbozzi ta' kwadri u abbozzi bis-sanguinella li lkoll juru lill-Qaddisa Patruna taż-Żwieten u ż-Żrieraq. Naħseb li ma nkunx żbaljat jekk ngħid li wara Kristu, l-Madonna u San Ġwann Battista, aktarx Santa Katarina V. M. kienet l-iżjed figura reliġjuża li pitter Mattia Preti !

**Bibljografija:**

*Mattia Preti, The Triumphant Manner – Keith Sciberras*
*Mattia Preti – Editjat minn Erminia Corace (Hajr lil Jeremy Cachia)*
*Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet – Dun Joe Abela*